**RULING MOGHTI MINN MR SPEAKER FIS-SEDUTA NRU 484 TAT-TNEJN, 22 TA' JANNAR 2007**

Il-kwestjoni mqajma mill-Onor Mizzi tirreferi għall-konferenza stampa li żamm il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej presedut mill-Onor Jason Azzopardi.

Ordni Permanenti Nru 135(2) jipprovdi li:

"(2) Sew il-proċedimenti ta' Kumitat Permanenti jew ta' Kumitat Magħżul, jew ix-xiehda meħuda minnu, jew ir-rapport tiegħu, jew is-sommarju ta' dawk il-proċedimenti, xiehda jew rapport, ma għandhomx jiġu pubblikati minn membru ta' dak il-Kumitat jew minn xi persuna oħra, ħlief bil-permess tal-Kamra, sakemm ir-rapport ta' dak il-Kumitat ma jkunx tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

(3) Meta tkun ingħatat xiehda quddiem Kumitat Magħżul waqt seduta li ssir bil-miftuħ, ma għandu jintlaqa' ebda ilment dwar privileġġ għar-raġuni li dik ix-xiehda tkun ġiet pubblikata qabel ma rapport dwarha jkun inġieb quddiem il-Kamra."

Għalhekk jidher ċar li waqt li l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra ma jridux li l-proċeduri li jkunu għaddejjin quddiem kumitat jiġu pubblikati qabel ma l-istess kumitat ikun għalaq ix-xogħol tiegħu u rrapporta lill-Kamra, dan id-divjet ma jkunx japplika għal dak li jiġi riportat billi jkun ġa sar pubbliku fil-proċedura ta' l-istess Kumitat. Huwa evidenti li r-riferenza għal "xiehda" fil-paragrafu (3) għandha tingħata tifsira wiesgħa. L-iskop huwa evidenti, ma hemm xejn x'jiġi protett bi privileġġ, meta dak li jkun qiegħed jiġi mfittex li jiġi protett jkun diġa' sar pubbliku fil-kors tal-proċedura ta' l-istess kumitat; dan senjatament japplika għall-każ fejn il-kumitat jitmexxa bil-miftuħ. Huwa ferm differenti l-każ fejn il-proċeduri jkunu qegħdin jitmexxew bil-magħluq jew mingħajr l-ammissjoni tal-pubbliku. Inoltre, jiġi nnotat ukoll li fil-każ preżenti, il-Kumitat dejjem aġixxa b'dan il-mod tul l-aħħar tliet snin, mingħajr ma kien hemm lok ta' l-ebda ilment mingħand ħadd, ħaġa li tagħti wieħed x'jifhem li l-prassi li l-kumitat jagħmel konferenza stampa biex jagħti pubbliċita' lill-ħidma tiegħu, ħidma li del resto kienet diġa' pubblika, kienet prassi aċċettata. Fir-rigward, wieħed jista' jagħmel ukoll riferenza għal dak li josserva l-Erskine May paġna 120, u ċioe' li r-regola kontra l-pubblikazzjoni prematura normalment ma kenitx u ma tiġix enforzata meta l-kumitat ikun qiegħed imexxi s-seduti tiegħu fil-pubbliku.

B'danakollu, is-Sedja tirrikmanda lill-Membri li jippresjedu l-kumitati biex ma l-ewwel opportunita' li jkollhom, jirrapportaw lura lill-Kamra dwar l-eżitu tal-laqgħat formali li jżommu u f'każ li jkun hemm xi rapporti x'jitqassmu, dawn għandhom ikunu wkoll għad-dispożizzjoni ta' l-Onor Membri tal-Kamra tad-Deputati.